# DILEMMA ŻŻOMMNI SIEKET!

Ta' VINCENT CARUANA

F'nofs triq il-ħajja nżilt mis-sema għalija;
Għalaqtli t-triq li tħalli l-qalb mistrieħa;
W għalkemm bil-kemm kont nafek, għall-mistħija,
M'għannaqtekx miegħi, daqskemm dehert sabiħa.

U kemm tfajliet pinġejt fil-poeżija
Bħal statwi ġgarrfu fl-art f'tifrika sħiħa;
Bħal xemgħa f'dawl ix-xemx tfew fis-sbuħija;
Fuq kollha ssaltan inti biss rebbieħa.

Narak jew naħseb fik inħoss tingiża
Ta' xafra tikwi f'sidri w fommi msikket,
Meħjut li juri mħabbti lejk, għażiża.

Qed nibża', jgħaddi ż-żmien, u ma' kull ħarsa
Lejn din il-poeżija nerġa 'mnikket
L-imrar ingarrab tat-tifkria qarsa.